



*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2017/2172(DEC)**

1.3.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2016  
(2017/2172(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Kay Swinburne

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal-riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi li, fl-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), it-tranżazzjonijiet tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensionijiet tax-Xogħol ("l-Awtorità"), li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena 2016, huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jistieden lill-Awtorità tiżgura segwit u implementazzjoni xierqa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri; josserva li l-Qorti bħalissa qed tagħmel awditu tal-attivitajiet superviżorji tal-Awtorità u stress tests; jilqa' l-fatt li dan l-awditu huwa fost il-prioritajiet tal-Qorti għall-2018;
2. Jenfasizza li, filwaqt li tiżgura li l-kompli kollha li jirriżultaw mill-qafas regolatorju stabbilit mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill jitwettqu bis-sħiħ u fil-ħin, l-Awtorità għandha żżomm rigorożament mal-kompli, ma għandhiex tmur lil hinn mill-mandat mogħti lilha mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, u għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-prinċipju ta' proporzjonalità, bil-għan li tottimizza l-użu tar-riżorsi u tilħaq l-objettivi li nghatnat mandat dwarhom mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill;
3. Jindika r-rwol ċentrali tal-Awtorità fl-iżgurar ta' superviżjoni aħjar tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni biex tīgi żgurata l-istabilità finanzjarja, it-trasparenza meħtieġa u sigurtà ikbar għas-swieq finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tikkoordina s-superviżjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, billi, fejn ikun meħtieġ, tikkoopera ma' ištutuzzjonijiet responsabbi għas-superviżjoni internazzjonali, kif ukoll billi tissorvelja l-applikazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni; jenfasizza li tali kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq atmosfera ta' fiduċja; Jissottolinja l-ħidma tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fid-dawl tad-daqs konsiderevoli tas-suq tal-assigurazzjoni tal-Unjoni; Jissottolinja r-rwol tal-Awtorità li tikkontribwixxi għal prattiki ta' superviżjoni konverġenti f'livell għoli fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u li tippromwovi dawn il-prattiki;
4. Jieħu nota tal-isforzi tal-Awtorità biex tirrialloka internament il-baġit u l-personal tal-Awtorità, minħabba li x-xogħol tal-Awtorità qiegħed jinbidel dejjem aktar minn kompli regolatorji għal kompli ta' konverġenza superviżorja u infurzar; iqis li huwa essenzjali li l-Awtorità jkollha bizzżejjed riżorsi biex twettaq il-kompli tagħha bis-sħiħ, inkluż biex tlaħħaq ma' kwalunkwe volum ta' xogħol addizzjonalik kkawżat minn dawk il-kompli, filwaqt li tiżgura livell adatt ta' prioritizzazzjoni f'dak li jirrigwarda l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-effiċċjenza baġitarja; barra minn hekk, jirrimarka li kwalunkwe żieda fix-xogħol tal-Awtorità tista' tīgi akkomodata internament permezz tar-riallokazzjoni ta' riżorsi baġitarji jew umani, bil-kundizzjoni li din ir-riallokazzjoni ma taffettwx l-eżerċizzju sħiħ min-naħħa tal-Awtorità tal-mandat tagħha u tiżgura l-indipendenza tal-Awtorità fit-twettiq tal-kompli superviżorji tagħha;
5. Josserva l-fatt li l-Awtorità tieħu 40 % l-finanzjament tagħha mill-fondi tal-Unjoni u 60 % minn kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri; jinnota l-bżonn li l-ħidma tal-Awtorità tīgi vvalutata sewwa fuq bażi regolari, fi sforz biex talloka u tuża r-riżorsi tagħha b'mod aktar effikaċi, trasparenti u kredibbi;

6. Iqis li l-minuti tal-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri u tal-Gruppi tal-Partijiet Interessati, li huma pubblikament disponibbli, għandhom jiġu ppubblikati aktar malajr biex il-perjodu latenti kurrenti jkompli jitnaqqas, kif ukoll biex tingħata stampa aktar ċara tad-diskussjonijiet li jkunu saru, tal-pożizzjonijiet adottati mill-membri u ta' kif il-membri jkunu użaw il-vot tagħhom; jenfasizza li huwa essenzjali li l-Awtorità, fid-dawl tan-natura tal-kompeti tagħha, turi trasparenza mhux biss fil-konfront tal-Parlament u tal-Kunsill, iżda anke fil-konfront taċ-ċittadini tal-Unjoni; jemmen li l-ħidma ta' kuntatt mal-pubbliku ġenerali tista' titqawwa wkoll permezz ta' web streaming tal-avvenimenti; jirrimarka li l-aċċess għad-dokumenti u għall-informazzjoni relatati ma' laqgħat interni għandu jiġi ffaċilitat ukoll; ifakkar fl-importanza tal-protezzjoni tal-informaturi biex jittejbu t-trasparenza, ir-responsabilità demokratika u l-kontroll pubbliku.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.2.2018	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	49 1 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Burkhard Balz, Hugues Bayet, Pervenche Berès, Udo Bullmann, David Coburn, Esther de Lange, Markus Ferber, Jonás Fernández, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Danuta Maria Hübner, Cătălin Sorin Ivan, Petr Ježek, Wolf Klinz, Georgios Kyrtatos, Philippe Lamberts, Werner Langen, Bernd Lucke, Olle Ludvigsson, Gabriel Mato, Costas Mavrides, Bernard Monot, Caroline Nagtegaal, Luděk Niedermayer, Stanisław Ożóg, Dimitrios Papadimoulis, Dariusz Rosati, Pirkko Ruohonen-Lerner, Anne Sander, Alfred Sant, Molly Scott Cato, Pedro Silva Pereira, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne, Ramon Tremosa i Balcells, Ernest Urtasun, Marco Valli, Tom Vandenkendelaere, Jakob von Weizsäcker	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Enrique Calvet Chambon, Jan Keller, Verónica Lope Fontagné, Paloma López Bermejo, Thomas Mann, Michel Reimon, Andreas Schwab, Tibor Szanyi, Romana Tomč, Miguel Urbán Crespo, Roberts Zīle	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Zbigniew Kuźmiuk, Edouard Martin	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

49	+
ALDE	Enrique Calvet Chambon, Petr Ježek, Wolf Klinz, Caroline Nagtegaal, Ramon Tremosa i Balcells
ECR	Zbigniew Kuźmiuk, Bernd Lucke, Stanisław Ożóg, Pirkko Ruohonen-Lerner, Kay Swinburne, Roberts Zīle
ENF	Bernard Monot
PPE	Burkhard Balz, Markus Ferber, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Danuta Maria Hübner, Georgios Kyrtatos, Esther de Lange, Werner Langen, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Gabriel Mato, Luděk Niedermayer, Dariusz Rosati, Anne Sander, Andreas Schwab, Theodor Dumitru Stolojan, Romana Tomc, Tom Vandenkendelaere
S&D	Hugues Bayet, Pervenche Berès, Udo Bullmann, Jonás Fernández, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Cătălin Sorin Ivan, Jan Keller, Olle Ludvigsson, Edouard Martin, Costas Mavrides, Alfred Sant, Pedro Silva Pereira, Tibor Szanyi, Jakob von Weizsäcker
VERTS/ALE	Philippe Lamberts, Michel Reimon, Molly Scott Cato, Ernest Urtasun

1	-
EFDD	David Coburn

4	0
EFDD	Marco Valli
GUE/NGL	Paloma López Bermejo, Dimitrios Papadimoulis, Miguel Urbán Crespo

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni